MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 514/2010

Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata kemm skond il-Ligi kif ukoll *ai termini* tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Cynthia Ann Ellul, u l-istess Cynthia Ann Ellul
vs
Samantha Zammit u b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2010 is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited intervjeniet fil-kawza *in statu et terminis*

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Fogg Insurance Agencies Limited *nomine* u Cynthia Ellul li bih esponew:

A. Dikjarazzjoni Tal-Fatti

1. Illi s-socjeta` rikorrenti Fogg Insurance Agencies Limited noe kienet harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CYN 019, proprjeta` tar-rikorrenti Cynthia Ann Ellul;

2. Illi nhar it-22 ta' Gunju, 2009 ghall-habta tat-2.45 p.m., l-imsemmija vettura kienet regolarment parkeggjata gewwa Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa meta sfat milquta mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 347, misjuqa mill-intimata, u dan skond ma jirrizulta mir-Rapport relattiv illi kopja tieghu giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. RF1;

3. Illi ghalhekk jirrizulta kjarament illi l-istess incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta;

4. Illi bhala konsegwenza ta' l-incident *de quo* l-atturi soffrew danni fl-ammont ta' erbatax-il elf seba' mija u tliet Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,703.94), rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' hamsa u hamsin Ewro, l-*excess payment* illi r-rikorrenti Cynthia Anna Ellul hallset sabiex setghet tiftah *claim* in konnessjoni ma' dana l-incident, u in kwantu ghall-ammont ta' erbatax-il elf sitt mija u tmienja u erbghin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€14,648.94) id-danni bilancjali kollha sofferti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CYN 019 f'dan il-kaz, illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited *nomine* abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni minnha mahruga favur l-imsemmija vettura. Kopji tas-*Survey Report* u d-*Discharge Receipt* relattivi qieghdin gew annessi mar-rikors, esebiti u mmarkati bhala Dok. RF2 u Dok. RF3;

5. Illi minkejja li giet debitament interpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

6. Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-atturi.

B. Raguni Ghat-Talbiet F'Dawn il-Proceduri

7. Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex dina l-Qorti tiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-22 ta' Gunju, 2009 gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa ghall-habta tat-2.45 p.m., u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' l-incident *de quo* occorrendo bl-opera ta' periti nominandi fl-ammont ta' erbatax-il elf seba' mija u tliet Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,703.94), u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas favur l-aturi d-danni hekk likwidati;

C. Talbiet Attrici

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta kienet unikament respnsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-22 ta' Gunju 2009 gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa ghall-habta tat-2.45 p.m.;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-incident *de quo*, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, fl-ammont ta' erbatax-il elf seba' mija u tliet Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,703.94), dovuti in kwantu ghall-ammont ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) lill-attrici Cynthia Ann Ellul rapprezentanti l-*excess payment* minnha mhallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tmienja u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,648.94) rapprezentanti d-danni kollha li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited *nomine* abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*;

3. Tikkundanna konsegwentement lill-intimata sabiex thallas lill-attrici Cynthia Ann Ellul is-somma ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) rapprezentanti l-*excess payment*

imhallas mill-istess attrici in konnessjoni ma’ dan l-incident, u lis-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe s-somma ta’ erbatax-il elf sitt mija u tmienja u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,648.94) rapprezentanti d-danni kollha li l-istess socjeta` ghamlet tajjeb ghalihom abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittri ufficjali pprezentati nhar l-20 ta’ Novembru, 2009 [kopja legali ta’ l-imsemmija ittra ufficjali giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. RF4] u nhar il-15 ta’ Jannar 2010 [kopja legali ta’ l-imsemmija ittra ufficjali giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. RF5] rispettivament, u dawk ta’ l-ittra ufficjali li ntbaghatet lis-socjeta` GasanMamo Insurance Limited kontestwalment ma’ dan l-Att, u bl-interessi mid-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Novembru 2009 [Dok. RF4] sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimata Samantha Zammit li biha esponiet:

1. Illi Primarjament ghandha ssir l-allagazzjoni ta’ l-atti tal-proceduri “**Il-Pulizija vs Samantha Zammit**” deciz nhar 25 ta’ Settembru, 2009

2. Fil-mertu, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta` rikorrenti *pro et noe stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-incident mertu ta’ dan ir-rikors sehh ghar-ragunijiet independenti u barra mil-kontrol ta’ l-intimata u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokument ezebit mill-intimata Samantha Zammit.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intervenuta fil-kawza, GasanMamo Insurance Limited li biha esponiet:

1. Illi s-socjeta` intervenuta fil-kawza harget il-polza ta' l-assikurazzjoni bin-numru A4900 0166609, liema polza kienet tkopri l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FAJ 347, u liema polza kienet tkopri esklussivament lil sid il-vettura u cioe` Felix Zammit (I.D. 533064M) u lil EBDA sewwieq iehor;

2. Illi l-vettura msemmija kienet involuta f'incident awtomobilistiku tat-23 ta' Gunju, 2009 – waqt illi kienet qed tinstaq mill-intimata Samantha Zammit (I.D. 211990M) li fil-gurnata ta' l-incident ma jirrizultax li kellha xi licenzja tas-sewqan tal-vetturi; u kwindi ma kenitx sewwieqa awtorizzata skond il-polza assikurattiva u skond il-ligi;

3. Illi *stante* li s-socjeta` intervenuta fil-kawza giet notifikata b'att gudizzjarju mibghut mill-atturi *ai termini* ta' l-Art. 10(2)(a) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u *stante* li s-socjeta` intervenuta fil-kawza ghandha l-funzjoni ta' "assiguratur awtorizzat" *ai termini* ta' l-istess Ordinanza, hija ghandha interess fil-proceduri odjerni, u dana *stante* li – minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' rifuzjoni minghand l-assikurati taghha – ghad tista' tintalab illi thallas kwalunkwe somma ta' danni li l-intimata Samantha Zammit tkun ikkundannata li thallas minn dina l-Qorti;

Ghaldaqstant eccepiet:
1. Illi l-intervenuta fil-kawza m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti fir-rigward tar-risponsabbilita` ghall-incident *de quo*, b'dan pero` li r-rikorrenti ghandhom iressqu kull prova valida u necessarja skond il-ligi sabiex jippruvaw dak allegat minnhom;

2. Illi fir-rigward tas-somma ta' danni pretizi mir-rikorrenti, u minghajr pregudizzju ghall-kwistjoni tar-risponsabbilita`, ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw it-telf taghhom billi jressqu kull prova valida skond il-ligi;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond kif permess mil-ligi.

Rat il-lista ta’ xhieda ezebita mis-socjeta` intervenuta fil-kawza.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ Cynthia Ann Ellul, proprjetarja ta’ CYN019 li kienet assigurata ma’ Fogg Insurance Agencies Limited b’polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*. Fit-22 ta’ Gunju, 2009, kellha l-karozza pparkjata fi Triq Pitkali, is-*service road* li taghti ghal Triq Dicembru Tlettax, Marsa. Kienet giet infurmata li xi hadd dahal fil-karozza taghha u sabet hsarat kbar fuq in-naha ta’ wara u ta’ quddiem, peress li mad-daqqa l-karozza tieghha giet mitfugha fuq karozza ohra li kien hemm ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq. Ghamlet *claim* mal-*insurance* taghha, u hallset *excess* ta’ hamsa u hamsin Euro (€55.00). Il-karozza taghha kienet *total loss* u Fogg Insurance Agencies Limited hallsitha s-somma ta’ erbatax-il elf sitt mija u sitta u disghin Euro (€14,669.00) a saldu tal-hsarat illi kelli fil-karozza.

Gie prezentat affidavit ta’ Walter Vella, *Registered Motor Vehicle Surveyor* li kien gie mqabbad minn Fogg Insurance Agencies Limited jezamina l-vettura *Volkswagen Polo* bin-numru ta’ registrazzjoni CYN 019, u jaghmel stima tal-hsarat wara li din garrbet hsarat fit-22 ta’ Gunju 2009. Hu ikkonkluda li biex issewwi l-karozza jaqbez €14,000, liema vettura kellha *wreck value* ta’ €699. Ghalhekk ta parir lil Fogg Insurance Agencies Limited li jhallsu *cash settlement* tal-vettura. Fir-rapport tieghu a fol 80 spjega kif wasal ghall-konkluzjoni tal-valuri.

Gie prezentat affidavit ta’ Simon Paris, *Claims Manager* tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited fejn semma li Cynthia Ann Ellul kienet harget polza tat-tip *comprehensive* fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni CYN 019. Hija kienet fethet *claim* in konnessjoni ma’ incident illi sehh nhar it-22 ta’ Gunju, 2009, ghall-habta tat-2.45 p.m. gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa. Biex fethet il-*claim* hallset l-*excess payment* ta’ €55 u huma

inkarigaw lis-*Surveyor* Walter Vella li kien issuggerixxa li jaghmlu l-*cash settlement* ta' €14,580 u kien hemm spejjez tas-*Survey Report* ta' €34.94, rapport tal-Pulizija €6.99 u spejjez ta' *towing* €82. Spjega t-talba taghhom fil-kaz prezenti kif jidher dettaljatament a fol 66 tal-process.

Xehed Felix Agius li kien is-sid tal-karozza l-ohra parkeggjata vicin tal-karozza ta' Cynthia Ann Ellul u semma kif kien sema hoss, ra karozzi mahbutin u meta mar jara sab karozzi mahbutin inkluza tieghu, LCL253, Toyota. Qabel mal-iskizz a fol 10 tal-process.

Gie prezentat affidavit ta' Dottor Anton Felice, Direttur Generali tal-*Malta Insurance Association* li esebixxa estratti mill-ktieb li jservi ta' gwida ghall-valuri tal-vetturi lill-*motor insurers*.

Xehed PS Justin Spiteri u semma li l-karozza ta' Cynthia Ann Ellul kienet parkeggjata waqt li Samatha Zammit qaltlu li kienet id-dar il-Qrendi u hadet il-karozza ta' missierha minghajr permess u saqet lejn il-Belt u waqt li ghaddejja minn Triq Dicembru Tlettax bdiet thossha ma tiflahx u li bdiet tistordi u li tilfet il-kontroll tal-vettura u habtet go zewg vetturi li kienu pparkjati fis-*side service road* li wahda minnhom kienet ta' Cynthia Ann Ellul.

Xehed Max Borg Bonello, *Deputy Manager* fil-*Motor Claims Department* ta' GasanMamo u qal li l-*policy holder* tal-*Ford Escort* FAJ347 huwa Felix Zammit u tkopri lil Felix Zammit biss bhala sewwieq ghax Samantha Zammit ma kenitx koperta. Il-*claim* infethet fit-23 ta' Gunju, 2009. Irrefera ghall-korrispondenza ma' Fogg Insurance u Atlas Insurance. Semma li ghadhom ma hallsux. Spjega l-pozizzjoni taghhom hija li huma jhallsu u mbaghad jirkupraw minghand l-assigurat taghhom minhabba d-dritt tar-rivalsa.

Illi permezz ta' sentenza tal-25 ta' Settembru, 2009 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-intimata Samantha Zammit riferibbilment ghall-incident *de quo*, fuq ammissjoni ta' l-istess Samantha Zammit sabet hatja lill-istess Zammit talli fit-22 ta' Gunju,

2009 ghall-habta tat-3.00 p.m. fi Triq Dicembru 13, Marsa waqt li kienet qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAJ 347 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habtet ma' vetturi bin-numru ta' registrazzjoni CYN019 u LCL253 u involontarjament ikkagunatilhom hsara ghad-dannu ta' Cynthia Ann Ellul u Felix Agius, u talli saqet l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, b'manjiera perikoluza, u bla kont u dan minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr il-licenzja tas-sewqan specifika ghal dik il-vettura. F'dak il-kaz il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Kap 65 u l-artikolu 328 tal-Kap 9 u wara li rat li l-imputata ghandha problemi medici kif ukoll psikjatrici u tinsab taht il-kura, nizlet taht il-minimu fl-applikazzjoni tal-piena u sabet lill-imputata hatja u poggietha that ordni ta' *probation* ghall-perjodu ta' sena u dan kif jidher kollox dettaljatament imnizzel a fol 30 sa 37 tal-process.

Gie esebit kopja tal-lodo ta' l-arbitragg 2315/10 fl-ismijiet **Atlas Insurance vs Samantha Zammit** maghmul minn Dr. Joseph Micallef Stafrace u dan riferibbli ghal kaz ta' arbitragg bejn Escort FAJ347 li kienet misjuqa minn Samantha Zammit u vetturi Polo CYN019 ta' Cynthia Ellul u Toyota LCL253 ta' Felix Agius, dejjem in kwantu ghat-talbiet diretti minn Agius kontra Zammit. Dan jittratta l-lokalita ta' l-incident u provi fol 75, depozizzjoni ta' P.C. 1066 Antoine Guillaumier u ta' Felix Agius a fol 76. Mir-riepilogu johrog li Samantha Zammit kienet responsabbli ghall-incident stradali mertu ta' l-arbitragg u d-danni konsegwenzjali mgarrba mill-*claimants* fl-ammont ta' €2678.97 bhala danni mgarrba minn Atlas Insurance u €115 danni mgarrba min Felix Agius. Samantha Zammit ghandha thallas iz-zewg ammonti kif indikat oltre l-ispejjez ta' l-arbitragg.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi mill-evalwazzjoni tal-provi prodotti johrog car li fit-22 ta' Gunju, 2009 ghall-habta ta' 2.45 p.m. Samantha Zammit kienet hadet il-karozza ta' missierha u saqet mill-Qrendi lejn il-Belt. Hi ma kellhiex licenzja u anqas naturalment

ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni. Il-karozza kienet haditha minghajr il-permess ta' missierha Felix li kien assikurat mas-socjeta` GasanMamo. Meta waslet Triq Dicembru Tlettax fis-*side road* laqtet zewg vetturi u cioe` Polo CYN019 li kienet proprjeta` ta' Cynthia Ellul u Toyota LCL253 proprjeta` ta' Felix Agius. Illi l-imsemmija Samantha Zammit ma kellha ebda gustifikazzjoni biex tiskulpa lilha nfisha u jidher li ma kien hemm ebda persuna ohra li b'xi mod kellha xi htija jew li kien hemm xi kaz fortuwitu. Ir-responsabbilta` hija esklussivament ta' l-imsemmija Samantha Zammit, u l-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' l-intimata li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimata fl-imsemmija eccezzjonijiet sostniet ghal ragunijiet indipendenti u barra mill-kontroll ta' l-intimata. Bhala stat ta' fatt jirrizulta li l-intimata ma kellhiex licenzja, mhux koperta b'polza ta' assikurazzjoni u meta jidher li kellha problemi medici jew psikjatrici u kienet taht kura, xorta ghazlet li tiehu l-karozza ta' missierha minghajr permess u ssuq u kawza ta' hekk sehh l-incident.

L-intervenuta fil-kawza s-socjeta` GasanMamo Insurance Limited semmiet li m'ghandhiex eccezzjonijiet fir-rigward ta' responsabbilta` ta' l-incident ghalkemm insistiet li jsiru provi dwar l-ammont ta' danni pretizi.

Minn dan kollu jidher li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati anke in kwantu ghal ammonti deskritti hawn fuq.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ill-ghalhekk il-Qorti tiddikjara l-intimata kienet unikament respnsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-22 ta' Gunju, 2009 gewwa Triq Dicembru Tlettax, Marsa ghall-habta tat-2.45 p.m.

Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat ta' l-incident *de quo* fl-ammont ta' erbatax-il elf seba' mija u tliet Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,703.94), dovuti in kwantu ghall-ammont ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) lill-attrici Cynthia Ann Ellul rapprezentanti l-*excess payment* minnha mhallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' erbatax-il elf sitt

mija u tmienja u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,648.94) rapprezentanti d-danni kollha li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta` rikorrenti Fogg Insurance Agencies Limited *nomine* abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Tikkundanna konsegwentement lill-intimata sabiex thallas lill-attrici Cynthia Ann Ellul is-somma ta' hamsa u hamsin Euro (€55.00) rapprezentanti l-*excess payment* imhallas mill-istess rikorrenti in konnessjoni ma' dan l-incident, u lis-socjeta` rikorrenti Fogg Insurance Agencies Limited *nomine* s-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tmienja u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€14,648.94) rapprezentanti d-danni kollha li l-istess socjeta` ghamlet tajjeb ghalihom abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-20 ta' Novembru, 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------